Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Ġunju 2005

dwar l-implimentazzjoni ta' programmi ta' stħarriġ li għandhom jitwettqu fl-Istati Membri dwar l-influwenza tat-tjur fit-tjur ta' l-irziezet u l-għasafar selvaġġi

(notifikata taħt id-dokument C(2005) 1827)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/464/KE)

(ĠU L 349M, 12.12.2006, p. 52)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/726/KE tas-17 ta' Ottubru 2005	L 349M	21	12.12.2006

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Ġunju 2005

dwar l-implimentazzjoni ta' programmi ta' stħarriġ li għandhom jitwettqu fl-Istati Membri dwar l-influwenza tat-tjur fit-tjur ta' l-irziezet u l-għasafar selvaġġi

(notifikata taħt id-dokument C(2005) 1827)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/464/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-qasam veterinarju [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 90/424/KEE tipprevedi kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja biex jittieħdu l-miżuri tekniċi u xjentifiċi meħtieġa għall-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni veterinarja Komunitarja u għal edukazzjoni u taħriġ veterinarju.

(2) Il-Kumitat Xjentifiku dwar is-Saħħa ta' l-Annimali u l-Benesseri ta' l-Annimali f'rapport ta' nhar is-27 ta' Ġunju 2000 irrakkomanda li jsir stħarriġ dwar l-influwenza tat-tjur fuq qatgħat tat-tjur ta' l-irziezet u għasafar selvaġġi, l-iktar biex tiġi ddeterminata l-prevalenza ta' l-infezzjonijiet mas-sottotipi tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur H5 u H7.

(3) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/40/KEE tad-19 ta' Mejju 1992 li tintroduċi miżuri Komunitarji għall-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur [2] tiddefinixxi l-miżuri ta' kontroll Komunitarji li jridu jiġu applikati fil-każ ta' tifqigħa ta' l-influwenza tat-tjur fit-tjur ta' l-irziezet. Madankollu, ma tipprevedix stħarriġ regolari ta' dik il-marda fit-tjur ta' l-irziezet u fl-għasafar selvaġġi.

(4) Għaldaqstant, id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2002/649/KE [3] u 2004/111/KE [4] ipprevedew il-preżentazzjoni ta' programmi ta' sorveljanza għall-influwenza tat-tjur mill-Istati Membri lill-Kummissjoni.

(5) Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2002/673/KE [5] u 2004/630/KE [6] approvaw programmi mressqa mill-Istati Membri għall-istħarriġ dwar l-influwenza tat-tjur fit-tjur ta' l-irziezet u l-għasafar selvaġġi għall-perjodi speċifikati f'dawk il-programmi.

(6) Waqt dan l-istħarriġ, f'bosta Stati Membri nstabet il-preżenza ta' sottotipi differenti ta' virus ta' l-influwenza tat-tjur H5 u H7. Għalkemm il-prevalenza bħalissa tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur tista' tiġi kkunsidrata bħala pjuttost baxxa, huwa importanti li s-sorveljanza titkompla u titjib sabiex tkun tista' tinftehem iktar l-epidemjoloġija tal-virus ta' l-influwenza patoġenika baxxa u l-

---

[1] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 325, 12.12.2003, p. 31).

[2] ĠU L 167, 22.6.1992, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

[3] ĠU L 213, 9.8.2002, p. 38.

[4] ĠU L 32, 5.2.2004, p. 20. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjnoi 2004/615/KE (ĠU L 278, 27.8.2004, p. 59).

[5] ĠU L 228, 24.8.2002, p. 27. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjnoi 2003/21/KE (ĠU L 8, 14.1.2003, p. 37).

[6] ĠU L 287, 8.9.2004, p. 7. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar minn 2004/679/KE (ĠU L 310, 7.10.2004, p. 75).

▼B

vajruses ma jitħallewx jiċċirkulaw mingħajr wieħed ma jintebaħ bihom fil-popolazzjoni tat-tjur ta' l-irziezet. Ir-riżultati ta' l-istħarriġ mwettaq fl-Istati Membri kienu verament utili fl-immonitorjar tal-preżenza tas-sottotipi tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur li tista' tippreżenta riskju sostanzjali jekk jgħaddu minn mutazzjoni għal forma iktar virulenti. Meta jitqiesu r-riżultati miksuba u s-sitwazzjoni ta' bħalissa tal-mard fil-Komunità, jidher xieraq li għandu jiżdied l-ammont totali tal-kontribuzzjoni Komunitarja biex tiġi żgurata sorveljanza aħjar

(7) Skond dan, l-Istati Membri għandhom iressqu il-programmi tagħhom għas-servejs għall-influwenza tat-tjur lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni sabiex tingħata l-għajnuna finanzjarja mill-Komunità.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DECIZJONI:

Artikolu 1

Sat- ►M1 13 ta' Settembru 2005 ◄, l-Istati Membri jridu jressqu għall-approvazzjoni programmi lill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tas-servejs dwar l-influwenza tat-tjur u l-għasafar selvaġġi bi qbil ma' dan l-Anness.

Artikolu 2

Il-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja għall-miżuri previsti fl-Artikolu 1 se tkun ta' rata ta' 50 % ta' l-infiq mġarrab fl-Istati Membri sa total massimu ta' EUR 1 200 000 għall-Istati Membri.

Artikolu 3

L-ammonti massimi ta' l-infiq ta' l-ittestjar li jrid jintradd lura m'għandux jeċċedi:

a) it-test ELISA:	1 EUR kull test;
b) agal gel immune diffusion test:	0,6 EUR kull test;
c) it-test HI għall-H5/H7:	4 EUR kull test;
d) test għall-iżolament tal-virus:	30 EUR kull test;

▼M1

e) Test *PCR*::	EUR 10 għal kull test.

▼B

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

ANNESS

Programmi ta' stħarriġ li għandhom jitwettqu fl-Istati Membri dwar l-influwenza tat-tjur fit-tjur u għasafar selvaġġi fl-2005 u fl-2006.

A. GĦANIJIET

1. L-istima tal-prevalenza ta' l-infezzjonijiet mis-sottotipi tal-virus ta' l-influenza H5 u H7 fl-ispeċi differenti tat-tjur ta' l-irziezet bir-repetizzjoni ta' eżerċizzji ta' *screening* minn qabel previsti fid-Deċiżjonijiet 2004/111/KE u 2004/630/KE f'mod modifikat u aktar iffukat.

2. Biex titkompla s-sorveljanza ta' l-influenza tat-tjur fuq bażi volontarja fl-għasafar selvaġġi. Ir-riżultat ta' sorveljanza bħal din għandha tipprovdi informazzjoni utli għal sistema ta' twissija bikrija tal-varjetajiet li jistgħu jiddaħħlu fil-qatgħat tat-tjur ta' l-irziezet mill-għasafar selvaġġi.

3. Biex tikkontribwixxi għall-għarfien dwar it-theddid ta' l-influwenza tat-tjur fuq is-saħħa ta' l-annimali mill-ambjent naturali selvaġġ.

4. Sabiex titrawwem il-konnessjoni u l-integrazzjoni tan-netwerks umani u veterinarji għas-sorveljanza tal-influwenza.

B. REKWIŻITI U KRITERJI ĠENERALI GĦALL-ISTĦARRIĠ DWAR IT-TJUR TA' L-IRZIEZET

1. Il-kampjunar se jkopri l-perjodu xieraq għall-perjodi ta' produzzjoni għal kull kategorija tat-tjur ta' l-irziezet kif meħtieġ. Per eżempju, f'ħafna Stati Membri f'żmien il-Milied jinqatlu ammont kbir ta' tjur ta' l-irziezet (partikolarment, id-dundjani u l-wiżż). Il-kampjunar mhux se jiġi estiż lil hinn mill-31 ta' Jannar 2006.

2. Il-31 ta' Marzu 2006 se tkun id-data għat-tressiq tar-riżultati finali tas-stħarriġ.

3. L-ittestjar tal-kampjunar mhux se jsir fil-Laboratorji Nazzjonali għall-influwenza tat-tjur (NL) fl-Istati Membri jew minn laboratorji oħra awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti jew taħt il-kontroll ta' l-NL.

4. Ir-riżultati kollha (kemm seroloġiċi u kemm viroloġiċi) se jintbagħatu lil-Laboratorju tar-Referenza Komunitarja (CRL) biex jinġabru flimkien. Għandu jiġi żgurat fluss tajjeb ta' informazzjoni. Is-CRL se jipprovdi appoġġ tekniku u se jżomm stokk ikbar ta' reaġenti diagnostiċi. L-antiġeni għall-użu fl-istħarriġ se jiġu fornuti lill-NL mis-CRL biex tiġi żgurata l-uniformità.

5. L-iżolati tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur (AI) se jingħataw lis-CRL bi qbil mal-leġiżlazzjoni Komunitarja. Il-vajruses tas-sottotip H5/H7 se jingħataw mingħajr dewmien u se jkunu soġġetti għat-testijiet standard ta' karatterizzazzjoni (*nucleotide sequencing*/IVPI) skond id-Direttiva 92/40/KEE. Barraminnhekk, is-CRL jeħtieġ li l-H5 u l-H7 sera pożittiva miġbura mill-*anseriformes* jiġu ppreżentati "blind" sabiex l-arkivju jiġi stabbilit biex jiffaċilita l-izvilupp tat-testijiet ġejjiena.

6. Kull sejbiet pożittivi se jiġu investigati retrospettivament fl-istabbiliment u l-konklużjonijiet ta' din l-investigazzjoni se jiġu rrapportati lill-Kummissjoni u lis-CRL.

7. Il-protokolli speċifiċi li jakkumpanjaw il materjal li qed jintbgħat lis-CRL u t-tabelli tar-rapportar għall-ġbir tad-*data* ta' l-istħarriġ se jipprovdihom is-CRL. F'dawk it-tabelli se jintwerew il-metodi tat-testijiet fil-laboratorju: It-tabelli provduti se jintużaw biex jagħtu r-riżultati f'dokument wieħed.

8. Se jinġabru kampjuni tad-demm għall-eżami seroloġiku mill-ispeċi kollha tat-tjur ta' l-irziezet li jinkludu dawk mrobbija fis-sistemi fejn t-tjur jistgħu jimirħu, minn għall-inqas 5 sa 10 għasafar (minbarra papri, wizz u summien) għal kull stabbiliment, u minn kmamar differenti, jekk hemm iktar minn kamra waħda f'kull stabbiliment.

9. Il-kampjunar se jiġi stratifikat mat-territorju ta' l-Istat Membru kollu, biex il-kampjuni jistgħu jitqiesu bħala rappreżentattivi għat-total ta' l-Istat Membru.

   a) in-numru ta' stabbilimenti għall-kampjunar (minbarra papri, wizz u dundjani); dak in-numru se jiġi ddefinit sabiex tkun żgurata l-identifikazzjoni ta' mill-inqas stabbiliment wieħed infettat jekk il-prevalenza ta'

▼B

l-istabbilimenti infettati huwa ta’ mill-inqas 5 %, b’intervall ta’ kunfidenza ta’ 95 %; (ara tabella 1) u

b) se jiġi ddefinit in-numru ta’ għasafar ikkampjunati minn kull stabbiliment sabiex tiġi żgurata l-probabbilità ta' 95 % li jiġi identifikat għall-inqas għasfur wieħed bħala pożittiv jekk il-prevalenza ta’ l-għasafar seropożittivi huwa ≥ 30 %.

10. Id-disinn tal-kampjunar se jqis ukoll:

a) It-tipi ta’ produzzjoni u r-riskji speċifiċi tagħhom se jiġu immirati għall-produzzjoni *free-range* u dawk it-tjur ta' l-irziezet li jinżammu jimirħu fil-beraħ kif ukoll jitqiesu fatturi oħra bħall-*multi age*, l-użu ta’ l-ilma tal-wiċċ, tul ta’ ħajja relattivament itwal, il-preżenza ta’ wieħed jew iktar mill-ispeċi fl-istabbiliment u fatturi rilevanti oħra.

b) In-numru ta’ stabbilimenti ta’ dundjani, papri u wizz biex jiġu kkampjunati, se jiġi ddefinit sabiex tkun żgurata l-identifikazzjoni ta’ mill-inqas stabbiliment wieħed infettat jekk il-prevalenza ta’ l-istabbilimenti infettati huwa ta’ mill-inqas 5 %, b’intervall ta’ kunfidenza ta’ 99 % (ara tabella 2);

c) Meta fi Stat Membru ikun hemm numru sinifikanti ta’ stabbilimenti li jipproduċu r-ratiti (għasafar li ma jtirux) u s-summien dawn se jiġu inklużi fil-programm. Fir-rigward għas-summien se jiġu kkampjunati biss dawk is-summien adulti (jew dawk li qed ibidu)

d) Il-perjodu ta’ żmien għall-kampjunar se jaħbat mal-produzzjoni ta’ l-istaġun. Madankollu, fejn jinħtieġ, il-kampjunar jista’ jiġi adattat għal perjodi oħra identifikati fil-livell lokali, li f’dan iż-żmien il-preżenza ta’ tjur ta’ l-irziezet oħra li fuqhom jgħix il-mard fl-istabbiliment iżid iktar iċ-ċans li jidħol il-mard.

e) L-Istati Membri li għandhom jieħdu kampjuni għall-marda tan-Newcastle, biex iżommu l-istatus tagħhom bħala pajjiżi li ma jlaqqmux kontra il-marda tan-Newcastle fi qbil mad-Deċiżjoni tal-94/327/KE ([1]), jistgħu jużaw dawn il-kampjuni mill-qatgħat li qed ibidu għas-sorveljanza ta’ l-antikorpi H5/H7.

Tabella 1

Numru ta’ razez għall-kampjunar ta’ kull kategorija tat-tjur ta' l-irziezet (minbarra l-istabbilimenti tad-dundjani, tal-papri u tal-wizz)

In-numru ta’ rziezet għall kull kategorija tat-tjur ta' l-irziezet Kull Stat Membru Ġdid	In-numru ta' rziezet għall-kampjunar
Sa limitu ta' 34	Kollha
35-50	35
51-80	42
81-250	53
> 250	60

Tabella 2

In-Numru ta’ stabbilimenti tad-dundjani, tal-papri u tal-wizz għall-kampjunar

Numru ta’ stabbilimenti kull Stat Membru	In-numru ta' stabbilimenti għall-kampjunar
Sa limitu ta' 46	Kollha
47-60	47
61-100	59
101-350	80
> 350	90

([1]) ĠU L 146, 11.6.1994, p. 17.

▼B

C. ĦTIĠIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-IDENTIFIKAZZJONI TA' L-INFEZZJONIJIET BIS-SOTTOTIPI H5/H7 TA' L-INFLUENZA TAT-TJUR FIL-PAPRI, IL-WIZZ U S-SUMMIEN

1. Kampjuni tad-demm għall-ittestjar seroloġiku se jittieħdu preferibbilment mill-għasafar li qegħdin jinżammu barra fl-għelieqi.

2. Minn kull stabbiliment magħżul, se jittieħdu minn 40 sa 50 kampjun tad-demm għall-ittestjar seroloġiku.

▼M1

D. STĦARRIĠ GĦALL-INFLUWENZA TAT-TJUR FL-GĦASAFAR SELVAĠĠI

F' dawk l-Istati Membri fejn is-sorveljanza ser tinvolvi wkoll l-għasafar selvaġġi, il-linji ta' gwida li ġejjin għandhom jiġu segwiti.

D.1. *Għamla u implimentazzjoni ta' l-istħarriġ*

1. Ser tkun meħtieġa kooperazzjoni ma' l-istituzzjonijiet ta' konservazzjoni u ta' l-osservazzjoni ta' l-għasafar u ta' l-istazzjonijiet fejn jiġu mmarkati l-għasafar. Il-ġbir tal-kampjuni fejn huwa xieraq għandu jsir minn personal minn dawn il-gruppi/stazzjonijiet jew minn kaċċaturi.

2. Sorvelljanza attiva fuq għasafar li huma ħajjin jew kaċċati ser tkun immirata lejn:

   a) il-popolazzjoni ta' speċi ta' għasafar selvaġġi li jippreżentaw riskju ogħla biex jiġu identifikati, bbażat fuq:

      i) l-oriġini u r-rotti ta' migrazzjoni;

      ii) in-numri ta' għasafar selvaġġi fil-Komunita; u

      iii) il-possibbiltà ta' kuntatt ma' tjur domestiċi.

   b) l-identifikazzjoni tas-siti li qegħdin f' riskju, bbażata fuq:

      i) siti ta' taħlit ta' numru għoli ta' għasafar migratorji li jinvolvu speċi differenti u b' mod partikolari dawk li huma elemkati fil-Parti F;

      ii) qrubija mal-farms tat-tjur domestiċi, u;

      iii) lokazzjoni matul ir-rotti migratorji.

   Il-ġbir tal-kampjuni għandu jqis il-bixra migratorja skond l-istaġun, li jista' jvarja fi Stati Membri differenti, u l-ispeċi ta' għasafar li huma elenkati fl-Anness F.

3. Is-sorveljanza passiva ta' l-għasafar selvaġġi li jinstabu mejtin tista' timmira primarjament lejn l-okkorrenza ta' mortalità mhux normali jew lejn tfaqqigħ sinifikanti ta' mard fil-:

   a) speċi ta' għasafar selvaġġi li huma elenkati fil-Parti F u għasfar selvaġġi oħrajn li jgħixu f' kuntatt magħhom; u

   b) f'siti li jissmemmew fil-punt 2 (b) (i).

   L-okkorrenza tal-mortalità f' bosta speċi fl-istess sit għandha tkun fattur ieħor li għandu jitiqes.

D.2. *Proċeduri ta' ġbir tal-kampjuni*

1. Imselħiet mill-kavità ġenitali u intestinali għall-eżaminazzjoni viroloġika għandhom jittieħdu. Aktar minn hekk għall-għasafar 'ta' l-ewwel sena' fil-ħarifa, l-ispeċi ospitanti li għandhom suxxettibbiltà għolja u iktar kuntatt mat-tjur (bħalma huma l-papri Mallard) jistgħu joffru l-ogħla ċans ta' suċċess.

2. Minbarra l-imselħiet mill-kavità ġenitali jew mill-feċi, għandhom ukoll jingabru kampjuni mit-tessuti (il-moħħ, il-qalb, il-pulmuni, il-kliewi u l-imsaren) ta' għasafar selvaġġi li jinstabu mejtin jew li ġew sparati għall-iżolazzjoni virali u l-analiżi molekolari (PCR). Tekniċi molekolari għandhom isiru biss f' laboratorji li jistgħu jiggarantixxu assikurazzjoni tal-kwalità u billi jintużaw metodi li huma rikonoxxuti mis-CRL għall-influwenza tat-tjur.

▼M1

3. Il-kampjuni għandhom jinġabru minn speċi differenti ta' għasfar ħajjin u ħielsa. Għasafar ta' l-ilma u għasafar tax-xtut għandhom ikunu dawk li huma l-iktar fil-mira

4. Imselħiet li fihom il-feċi, jew il-feċi miġbur reċentament għandhom jittieħdu minn għasafar selvaġġi li ġew minsuba, kkaċċati u misjuba mejtin reċentement.

5. Jista' jiġi permess il-ġbir ta' ħames kampjuni mill-istess speċi miġbura fl-istess sit u fl-istess ħin. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-ħażna u t-trasport tal-kampjuni. Jekk it-trasport rapidu fi żmien 48 siegħa lejn il-laboratorju (fil-medju għat-trasport f' temperatura ta' 4° Celsius) mhux garantit, il-kampjuni għandhom jinħażnu biex jiġu trasportati fid-*dry ice* f' temperatura ta' -70° Celsius.

▼B

E. L-ITTESTJAR FIL-LABORATORJU;

It-testijiet fil-laboratorju se jsiru fi qbil mal-proċeduri diagnostiċi għall-konfermazzjoni u d-diagnostika differenzjali ta' l-influenza fit-tjur (AI) stabbiliti fl-Anness III għad-Direttiva 92/40/KEE (inkluża l-eżaminazzjoni tas-sera mill-papri u l-wizz permezz tat-test tal-haemagglutination-inhibition (HI). Madankollu jekk huma previsti testijiet tal-laboratorju mhux stabbiliti fid-Direttiva 92/40/KEE, jew deskritti fil-Manwal OIE Terrestriali, l-Istati Membri se jipprovdu d-data ta' validazzjoni meħtieġa lis-CRL, waqt li jressqu il-programm tagħhom għall-approvazzjoni lill-Kummissjoni. Is-sejbiet kollha seroloġiċi pożittivi se jkunu kkonfermati mill-laboratorji Nazzjonali għall-influenza tat-tjur permezz ta' test tal-*haemagglutination-inhibition*, billi jużaw razez dežinjati mill-Laboratorju tar-Referenza Komunitarja:

H5 a) Test inizjali fejn jintuża id-Duck/Denmark/64650/03 (H5N7)

b) Tittestja is-sjeropożittivi kollha bl-Ostrich/Denmark/72420/96 (H5N2) sabiex telimina l-antikorp bir-reazzjoni inkroċjata N7.

H7 a) Test inizjali fejn jintuża Turkey/England/647/77 (H7N7)

b) Tittestja is-sjeropożittivi kollha bl-African Starling/983/79 (H7N1) sabiex telimina l-antikorp bir-reazzjoni inkroċjata N7.

▼M1

F. IL-LISTA TA' L-ISPEĊI TA' GĦASAFAR SELVAĠĠI LI JIPPRE-ŻENTAW RISKJU OGĦLA FIR-RIGWARD TA' L-INFLUWENZA TAT-TJUR ([1])

	Isem bil-Latin	Isem bil-Malti (bl-Ingliż u bl-isem ġenerali Malti, fejn mhux disponibbli)
1.	*Anser albifrons*	White-fronted Goose (wiżża)
2.	*Anser fabalis*	Bean Goose (wiżża)
3.	*Anas platyrhynchos*	Kuluvert
4.	*Anas strepera*	Borka sekonda/Kuluvert griż ta' l-ilma ħelu
5.	*Anas acuta*	Silfjun
6.	*Anas clypeata*	Northern Shoveler
7.	*Anas Penelope*	Eurasian Wigeon
8.	*Anas crecca*	Sarsella
9.	*Anas querquedula*	Sarsella Ħamra

([1]) Kull speċi ta' għasafar selvaġġi li jgħixu fil-Komunità, inklużi l-ispeċi li huma elenkati fit-tabella f' din il-Parti, huma koperti mir-reġim ta' protezzjoni tad-Direttiva 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni ta' l-għasafar selvaġġi u għalhekk għandha tingħata kull konsiderazzjoni lejn il-kondizzjonijiet ta' din id-Direttiva għal kull sorveljanza għall-Influwenza tat-Tjur.

▼**M1**

	Isem bil-Latin	Isem bil-Malti (bl-Ingliż u bl-isem ġenerali Malti, fejn mhux disponibbli)
10.	*Aythya ferina*	Common Pochard (papra tal-ġenus Aythya)
11.	*Aythya fuligula*	Tufted Duck (bħal fuq)
12.	*Vanellus vanellus*	Venewwa
13.	*Philomachus pugnax*	Girwiel
14.	*Larus ribibundus*	Gawwija Rasha Kannella
15.	*Larus canus*	Gawwija Sekonda